**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 152/2006**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert N. Ciappara)**

**vs**

**Stephen Borg**
**(ID 155778(M))**

**u**

**Chantelle Mari Mallia**
**(ID 121885(M))**

**Illum, 31 ta' Mejju 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputati:

**Stephen Borg** ta' 27 sena, iben Mary nee` Borg u missier mhux magħruf, imwieled fit-12 ta' Marzu 1978, residenti Flat 6, Blk A, Paceville, Triq Ball, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 155778(M); u

**Chantelle Mari Mallia** ta' 20 sena, bint Joseph u Rita nee` Sacco, imwielda l-Pieta` fil-31 ta' Jannar 1985, residenti 83, Triq in-Naxxar, B'Kara, detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru 121885(M);

Akkużati talli fit-12 ta' Jannar 2003 kellhom fil-pussess tagħhom mediċina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtoriżżazzjoni speċjali bil-mitkub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema droga insabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħhom.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi ċ-ċitazzjoni odjern ġiet intavolata fir-Reġistru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Mejju 2006;

Rat ukoll illi l-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għat-12 ta' Novembru 2007, iżda minkejja li nżammu diversi seduti, wara li l-imputati ma dehrux minkejja li debitament notifikati, u nħareġ mandat ta' arrest fil-konfront tagħhom, il-kawża bdiet tinstema' nhar it-3 ta' Lulju 2009;

Rat in oltre illi din il-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tal-1 ta' Frar 2013;

Rat ukoll illi fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2013, il-partijiet eżentaw lill-Qorti kif preseduta milli terġa tisma' l-provi li ngħabru sa dakinhar quddiem il-Qorti, kif diversement preseduta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti:

Waqt tfittxija li saret nhar it-12 ta' Jannar 2003 fil-fond Flat 1, Old Trafford, Triq il-Ħaġra il-Wieqfa, Xemxija, instabu u ġew elevati, in parte minn ġewwa kexxun ta' komodina u in parte minn ġewwa gwardarobba, entrambi fl-istess kamra tas-sodda formanti parti mill-istess fond, mija u ħmistax il-pillola ta' lewn blu suspettati *ecstasy*. Il-kamra in kwistjoni kienet tintuża mill-ko-imputati odjerni. Fil-waqt illi mija u għaxar pilloli nstabu f'ġakketta fil-gwardarobba, ħames pilloli nstabu fil-kexxun imsemmi.

**Ikkunsidrat:**

Illi preliminarjament id-difiża tqajjem żewġ preġudizzjali ta' natura proċedurali li l-Qorti tqis li jkun opportun li jiġu ndirizzati qabel l-indaġini fil-mertu.

**L-ewwel** minn dawn jirrigwarda l-fatt illi l-ebda lokalita' ma ġiet indikata fiċ-ċitazzjoni li ġiet notifikata lil kull wieħed mill-ko-imputati, tant illi x-xilja tagħmel referenza biss għad-data li fiha allegatament twettaq ir-reat li bih l-imputati qed jiġu akkużati. Id-difiża tissottometti fir-rigward illi dan jikkostitwixxi ksur tad-dettami tal-Artikolu 589(c) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jiddisponi kif isegwi dwar *'X'għandu jkun fih **l-att ta' l-akkuża**'*[1]:

> "589. L-att tal-akkuża jsir fl-isem tar-Repubblika ta' Malta, u għandu -
> …
> …
>
> (ċ) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena."

Id-difiża ssostni illi l-lok ta' l-allegat reat seta' faċilment jiġi ndikat la darba kien magħruf, u għalhekk kellu jiġi ndikat mill-Prosekuzzjoni.

M'hemmx dubju madanakollu illi l-Artikolu 589 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta m'huwiex applikabbli għall-proċeduri odjerni, u dan in kwantu l-istess artikolu jirreferi għall-att tal-akkuża li permezz tiegħu jinbdew proċeduri penali quddiem il-Qorti Kriminali. Għall-proċeduri odjerni semmai japplika l-Artikolu 360 tal-istess Kodiċi, liema artikolu jelenka *"X'għandha jkun fiha **ċ-ċitazzjoni**"* li permezz tagħha

[1] Nota marġinali għall-Artikolu 589 tal-Kap. 9; enfasi miżjuda.

jinbdew proċeduri kriminali li jaqgħu fil-kompetenza ta' din il-Qorti. It-tieni sub-inċiz ta' dan l-artikolu jiddisponi illi:

> "Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, **bil-partikularitajiet** ta' żmien u **ta' lok** li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."

Illi minkejja li jirriżulta illi għandu mis-sewwa dak li ġie sollevat mid-difiża dwar dan in-nuqqas fil-kontenut taċ-ċitazzjoni odjerna, il-pern tal-kwistjoni hija dwar jekk dan in-nuqqas fih inniffsu jirrendix il-proċeduri monki.

Hija ġurisprudenza daqstant kostanti daqs kemm hi kopjuża illi ċ-ċitazzjoni mhijiex għajr *avviso di comparire*, tant illi fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Jannar 2016, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Philip Buhagiar**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza illi c-citazzjoni mahruga fil-konfront tal-persuna akkuzata ghandha l-funzjoni ta' avviz ghad-dehra ta' dik il-persuna imsejha biex twiegeb ghal xi fatt inkriminati. Illi meta allura l-appellanti laqa' dik in-notifika u wiegeb ghas-sejha lilu maghmula, il-funzjoni tal-avviso da comparire gie ezawriet anke jekk tali avviz ma ikunx ghal kollox korrett fid-dettalji imfissra fih. Issa f'dan il-kaz dawk id-dettalji li b'xi mod kienu nieqsa gew mizjuda qabel ma l-appellanti gie innotifikat u kwindi meta huwa irceva l'avviso da comparire huwa kellu allura quddiemu l-fatti kollha li ghalihom huwa kien qieghed jissejjah biex iwiegeb u jiddefendi ruhu ghalihom. ... Galadarba l-imputat ikun wiegeb ghas-sejha ta' dik ic-citazzjoni, kif inghad il-funzjoni principali ta' l-istess citazzjoni tkun intlahqet. Fil-kaz ta' **Il-Pulizija v. Benny Zaffarese u Anna Zaffarese** (13/01/1995) inghad in partikolari hekk:
>
> "Anke li kieku dawn id-dettalji jew xi whud minnhom kienu zbaljati, wahda mill-funzjonijiet primarji tac-citazzjoni, u cioe` li sservi ta' 'avviso a comparire', twettqet u giet ezawrita meta l-appellant, allura imputat, deher quddiem l-ewwel qorti ….".[2]

[2] Ara wkoll **Il-Pulizija v. Rosaria Debono**, Qorti tal-Appell Kriminali, 31 ta' Mejju 2012, 470/10; **Il-Pulizija v Victor Attard Portughes**, Qorti tal-Appell Kriminali, 25 ta' Frar 2016, 159/13; **Il-Pulizija v. Anthony Barnet Zammit Tabona**, 5 ta' Novembru 2007, 215/07.

Hawnhekk il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-28 ta' Settembru 2006, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Psaila** fejn ingħad hekk:

> "Issa l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li c-citazzjoni in kwistjoni mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti (avviso di comparire). Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Buttigieg fil-25 ta' Lulju 1994, intqal: "L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E. (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art. 360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba 1-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni principali tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Noel Zarb Adami)." U bhalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza moghtija fl-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Emanuel Buttigieg: "<u>Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita` taghha, jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita` u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe` biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta</u>." [sottolinear ta' din il-Qorti]
>
> Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik ic-citazzjoni ma ggib in-

> nullita` tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza. Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali jirrikjedi biss li c-citazzjoni jkun fiha l-fatti ta' l-akkuza. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet Il-Pulizija v. Philip Schembri moghtija fit-18 ta' Novembru 1994 minn din il-Qorti (diversament presjeduta), gie spjegat: "Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb."

Minn dan isegwi illi l-fatt illi l-lok fejn allegatament twettaq ir-reat ma ġiex indikat fiċ-ċitazzjoni, ma jirrendix il-proċeduri monki. Il-kejl li jrid għalhekk jiġi adoperat mill-Qorti huwa dwar jekk kull wieħed mill-imputati kienx jaf kontra liema fatti huwa kellu jiddefendi ruħu fil-proċeduri miġjuba kontra tiegħu. Din il-Qorti ma għandhiex dubju illi l-ko-imputati fil-proċeduri odjerni kienu ben konsapevoli tal-fatti li minnhom kellhom jiddefendu ruħhom – il-proċeduri damu għaddejjin snin u nstemgħu diversi xhieda tal-Prosekuzzjoni f'iżjed minn okkażjoni waħda u fil-fatt l-istess imputati ddefendew ruħhom kontra l-imputazzjoni odjerna - u m'hemmx dubju għalhekk illi dan in-nuqqas ma kien ta' ebda preġudizzju għad-difiża tagħhom. Il-validita` taċ-ċitazzjoni odjerna u tal-proċeduri ċertament illi ma ġewx mittiefsa.

**Fit-tieni lok** id-difiża ssostni illi l-esperti nominati fl-istadju tal-*in genere* naqsu milli jwettqu l-inkarigu lilhom mogħti b'mod fidil. Id-difiża tamplifika dan billi tgħid illi l-ebda ritratt ma ttieħed fil-lok ta' l-allegat delitt, li ma sarx aċċess minn uħud mill-esperti fuq il-post, kif ukoll illi l-espert forensiku ma wettaqx analiżi komprensiva tal-pilloli kollha suspettati *ecstasy* li ġew elevati. Minkejja li jirriżulta illi l-espert forensiku verament ma wettaqx analiżi tal-pilloli kollha elevati, iżda biss ta' sittax-il pillola, dan ma jinvalidax l-istess analiżi. Lanqas ma hemm dubju mix-xhieda li tressqu mill-Prosekuzzjoni dwar dak li nstab fl-appartament in kwistjoni. Il-Qorti tqis illi dak li jeħtieġ li jiġi pruvat sal-grad li trid il-liġi fir-rigward tal-imputazzjoni odjerna, huwa n-ness bejn l-akkużati jew min minnhom u l-pilloli misjuba, u dan a bażi tal-assjem tal-provi kollha, inkluż dawk formanti parti mill-proċess verbal u mir-relazzjonijiet tal-esperti maħturi fil-mori tal-inkjesta u sa fejn dawn il-provi jistgħu jwassluha għall-fini tal-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-mertu tal-każ.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Sorvolati dawn il-punti ta' natura proċedurali, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **Oriana Deguara**, Deputat Reġistratur, esebiet proċess verbal bin-numru 336/2003 dwar sejba ta' pilloli suspettati *ecstasy* fil-fond Old Trafford, Flat 1, Triq il-Ħaġra l-Wieqfa, Xemxija, nhar it-12 ta' Jannar 2002 [*recte*: 2003];

2. Mir-relazzjoni tal-**Ispiżjar Mario Mifsud**, jirriżulta illi huwa ngħata s-segwenti dokumenti għall-analiżi tiegħu:

   i. Borża tal-plastik trasparenti li fuq barra tagħha kien hemm *label* bajda bil-kliem "*Forensic Science Laboratory – Malta, Description of Exhibit Borza labled minn ta' drug squad kontenenti hames pilloli ta' lewn blu, Exhibit Identity Mark, I Identify This As 03 ADO 201, Signature(s) 12/1/03, Arthur Debattista PS 198, Court Exhibit No., Laboratory Ref.: 030093*". F'din il-borża kien hemm borża tal-plastik trasparenti oħra li fuq barra tagħha kien hemm *label* bajda bil-kliem "*Data 12/1/03, Hin 4.30 pm, Elevat/i minn gol-komodina tal-kamra tas-sodda ta' Chantelle Mallia, fil-prezenza ta' Chantelle Mallia u Steven Borg, minn WPS 45, PS 1086, PC 10, PC 599*". F'din il-borża kien hemm ħames (5) pilloli ta' lewn blu li kienu *bevelled* u li fuqhom kellhom is-simbolu tas-*smiley*;

   ii. Borża tal-plastik trasparenti li fuq barra tagħha kien hemm *label* bajda bil-kliem "*Forensic Science Laboratory – Malta, Description of Exhibit Borza labled minn ta' DS kontinenti 110 pillola ta' lewn blu li kienu gewwa pakkett tas-sigaretti, Exhibit Identity Mark, I Identify This As 03 ADO 202, Signature(s) 12/1/03, Arthur Debattista PS 198, Court Exhibit No., Laboratory Ref.: 030093*". F'din il-borża kien hemm borża tal-plastik trasparenti oħra li fuq barra tagħha kien hemm *label* bajda bil-kliem "*Data 12/1/03, Hin 4.20 pm, Elevat/i minn go gakketta fil-gwardarobba fil-kamra tas-sodda ta' Chantelle Mallia, fil-prezenza ta' Chantelle Mallia u Steven Borg, minn PS 1086, WPS 45, PC 10 u PC 599".* F'din il-borża kien hemm mija u għaxar (110) pilloli ta' lewn blu li kienu *bevelled* u li fuqhom kellhom is-simbolu tas-*smiley*.

   Dwar dawn id-dokumenti, l-istess espert ikkonkluda bil-mod segwenti wara li analizza l-ħames pilloli ndikati f'paragrafu (i) u ħdax-il pillola mill-mija u għaxar pilloli ndikati fil-paragrafu (ii):

   > "…fil-pilloli li kien hemm fid-dokumenti 03 ADO 201 u 202, f'ammont ta' mija-u-hmistax (115), instabet fihom is-sustanz *3,4-*

*Methylenedioxymethamphetamine (MDMA).* Is-sustanza MDMA, li hija *central stimulant*, hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta."[3]

3. **PC 10 Trevor Cassar Mallia** jixhed illi:

> "Fit-12 ta' Jannar 2003 konna ghamilna tfittixija ghand l-imputati li qed naghraf hawn hekk, Stephen u Chantelle. Fil-fatt konna dhalna fil-kamra tas-sodda, il-main bedroom. Stephen kien qalilna li kien juza l-kamra l-ohra, l-spare bedroom u fil-fatt ghamilna tfittxija f'dik il-kamra u minn go gwardarobba, kien hemm gakketta beige fl-abjad fejn minn gol-bieb [*recte*: but] ta' gewwa kien hemm pakkett Royals u kien hemm xi pilloli suspettati ecstasy. Kien hemm fuq 100 pillola. Fil-komodina kien hemm xi pilloli ohra u xi hames 5 pilloli suspettati ecstasy u fl-istess komodina kien hemm l-istatement ta' Stephen Borg. Ftit wara kienu gew izjed nies fil-post, kienet giet koppja u gie guvni iehor. Dawn kienu gew arrestati kollha u gew mghoddija lill-Ispettur Norbert Ciappara ghal iktar stharrig".[4]

**Ri-prodott** u **in kontro-eżami** x-xhud jgħid ukoll illi l-ko-imputati kienu ġew imwaqqfin fi Triq il-Mosta, Buġibba, u li flimkien kienu marru fl-appartment, li fetħuh l-istess imputati, u aktar tard, kienu marru aktar nies. Jikkonferma li apparti l-imputat Borg kien hemm nies oħrajn jgħixu fl-istess appartament u jsemmi lill-ko-imputati, żgħażugħ u koppja oħra. Skont ix-xhud, jekk ma kienx sejjer żball il-bibien kienu jissakkru b'ċavetta, iżda ma kienx ċert dwar dan. Ma jidhirlu li nstab xejn iżjed illegali fil-kmamar l-oħra, li fihom ukoll saret tfittxija. Jgħid ukoll illi wara kienu marru xi ġuvni u koppja.[5]

4. **PC 599 Clive Mangion** jixhed illi huwa kien preżenti waqt it-tftittxija li saret fil-presenza tal-ko-imputati ġewwa l-fond Old Trafford, Flat 1, Triq il-Ħaġra l-Wieqfa, Xemxija nhar it-12 ta' Jannar 2003 u jkompli jgħid hekk:

> "Nghid illi f'kamra tas-sodda minnhom, fil-main bedroom, go gwardarobba, go gakketta ta' kulur abjad kien instab pakkett tar-

[3] Ara din ir-relazzjoni a fol. 30 tal-proċess verbal esebit a fol. 30 tal-proċess. Ara x-xhieda tal-Ispiżjar Mario Mifsud, a fol. 31 u 32 tal-proċess.
[4] Ara din ix-xhieda a fol. 33 u 34 tal-proċess.
[5] Ara a fol. 96 sa 100 tal-proċess.

Royals li go fih kien hemm madwar 110 pilloli ecstasy u kif wkoll go komodina go l-istess kamra kienu nstabu 5 pilloli ecstacy".[6]

**Riprodott** l-istess xhud jgħid illi s-sodda tal-kamra fejn instabet id-droga kienet *double bed*.[7]

5. **PS 1184 Patrick Grech**, maħtur bħala *Scene of the Crime Officer* fil-mori tal-inkjesta dwar il-każ, ikkonferma r-relazzjoni tiegħu formanti parti mill-proċess verbal[8].

6. **PS 1086 Johann Micallef** jixhed illi fl-10 ta' Jannar 2003 waqqfu lil Stephen Borg u lil Chantelle Mallia u esegwew tfittxija fir-residenza tagħhom fil-limiti tax-Xemxija. Huwa jgħid hekk:

   "…fil-kamra tas-sodda f'gakketta bajda instab pakkett tas-sigaretti tat-tip Royals fejn kienu instabu xi pilloli suspettati ecstacy. Fil-kexxun tal-gradenza fuq in-naha ta' Chantelle kienu instabu wkoll 5 pilloli suspettati ecstasy wkoll kif wkoll kien hemm xi statement ta' Stephen Borg fl-istess kexxun."[9]

7. **Jeffrey Galea** jixhed illi meta huwa tela' fl-appartament ta' Stephen ossia tal-imputat ġewwa x-Xemxija, hemmhekk kien sab lill-pulizija. Huwa jgħid illi kien mar hemmhekk biex jieħdu *drink* u illi kienu ser isajjru fenek. Jgħid ukoll illi huwa la kellu ċwievet ta' dan l-appartament u lanqas kellu affarijiet personali tiegħu ġewwa fih. Huwa kien tela' f'dak l-appartament dakinhar biss.[10]

8. **Andrew Buhagiar** jixhed illi huwa kien ġie mitkellem mill-pulizija dwar xi *ecstasy* fl-appartament fix-Xemxija, u jgħid li huwa kien jikri dan l-appartament flimkien ma' Stephen Borg ossia l-imputat odjern u ġuvni ieħor, li ismu ma ftakrux. Jgħid ukoll illi kellu ċ-ċwievet ta' dan l-appartament. Fil-ħin li marru l-pulizija, huwa ma kienx hemm, iżda mar wara, sab il-pulizija hemmhekk, saritlu *strip search* u rrilaxxja stqarrija. Jgħid illi hu u l-ġuvni l-ieħor kienu jagħmlu użu minn kamra tas-sodda waħda, li kien fiha *single beds*, fil-waqt li Stephen Borg kien juża kamra oħra li kien fiha *double bed* u li kien ikollu miegħu t-tfajla tiegħu Chantelle ossia l-imputata odjerna. L-

---

[6] Ara a fol. 35 u 36 tal-proċess.
[7] Ara a fol. 101 u 102 tal-proċess.
[8] Ara din ir-relazzjoni a fol. 46 tal-proċess verbal.
[9] Ara a fol. 55 tal-proċess.
[10] Ara a fol. 57 sa 60 tal-proċess.

appartament kien fih żewġt ikmamar tas-sodda. Ix-xhud jinnega li huwa kellu x'jaqsam mad-droga li nstabet fl-appartament u mistoqsi jekk kienx jaf li kien hemm id-droga, iwieġeb fin-negattiv.
**In kontro-eżami** Andrew Buhagiar jgħid illi ma jiftakarx jekk il-bibien tal-kmamar kinux jissakkru u illi huwa ma kienx jorqod hemm, iżda kien juża l-appartament fil-*weekends.* Hemmhekk kienu jiltaqgħu bħala ħbieb.

**In ri-eżami** huwa jgħid illi dakinhar li marru l-pulizija kien hemm xi ħmistax-il ruħ fl-appartament, iżda wara jgħid illi ma jiftakarx eżatt kemm kien hemm nies, għalkemm skont hu, "*kien hemm 10 nahseb dakinhar jew* 9"[11] u wara, "*Ma nafx kemm kien hemm nies ezatt dak inhar imma nahseb kien hemm 7 jew 8*"[12] minbarra l-pulizija. Jgħid illi kien hemm koppja miżżewġa li waslu wara, kien hemm ġuvni ieħor li ma jiftakarx x'jismu, l-imputati, ċertu wieħed Pawlu u ieħor jgħidulu d-Dragun.

**Fil-kontro-eżami** huwa jgħid illi kienu jmorru jsajru hemmhekk, jgħidu kelma u jilagħbu l-karti u kien ikun hemm xi ħbieb, li ġeneralment kienu jkunu iżjed ħbieb tal-imputat.

**In ri-eżami** huwa jgħid illi fil-kamra tas-sodda tal-ko-imputati huwa qatt ma daħal u lanqas ħeba xi affarijiet fil-ħwejjeġ ta' Chantelle.[13]

**Riprodott** l-istess **Andrew Buhagiar** jixhed ulterjorment illi huwa dam f'dan l-appartament xi xahar, illi ma jafx ta min kienu l-pilloli li nstabu u li huwa qatt ma ra lil ħadd jagħmel użu minn xi pilloli.

**In kontro-eżami** huwa jgħid ukoll illi f'dak il-perjodu, kienu jmorru ħafna nies f'dan l-appartament, li dakinhar tas-sejba kien hemm ħafna iżjed nies ġewwa, illi huwa ma kienx jistieden ħafna nies, u li kien iżjed l-imputat li jġib in-nies fl-appartament, li ġieli kienu jkunu tlieta, ġieli tmienja u ġieli għaxra, u b'referenza għall-kmamar tas-sodod, "*mhux suppost li kienu jidhlu pero jekk xi hadd xtaq jidhol seta' dahal*"[14].

**In ri-eżami**, ix-xhud jgħid illi huwa ma kienx jagħmel użu mill-*main bedroom* għalkemm ġieli daħal fiha.[15]

---

[11] Ara a fol. 69 tal-proċess.
[12] A fol. 69 tal-proċess.
[13] Ara din ix-xhieda a fol. 61 sa 71 tal-proċess.
[14] Ara a fol. 127 tal-proċess.
[15] Ara a fol. 121 sa 130 tal-proċess.

9. **Ivan Mizzi** jikkonferma li huwa kien ġie mitkellem mill-pulizija dwar sejba ta' drogi fl-appartament fix-Xemxija li kien mikri minnu, minn terz imlaqqam il-'Go', u ċioe` Andrew Buhagiar, u minn Stephen u Chantelle. Jgħid illi huwa wasal fuq il-post wara l-wasla tal-pulizija. L-appartament kien fih żewġt ikmamar tas-sodda. Jgħid ukoll illi kamra tas-sodda minnhom b'żewġ sodod kien jorqod fiha hu, fil-waqt li l-kamra l-oħra b'sodda doppja kienet tintuża minn Stephen u Chantelle. Jgħid li f'din il-kamra ġieli daħal, għalkemm mhux wisq, iżda nnega li huwa qatt ħeba xi affarijiet fil-ħwejjeġ ta' Chantelle jew li huwa kien qiegħed id-droga fil-ġakketta fejn instabet.

    **In kontro-eżami** x-xhud jgħid illi f'dan l-appartament kienu jmorru diversi nies, u jikkonferma li kienu jagħmlu ikliet, jilagħbu l-karti, jixorbu u jagħmlu bħal *parties* żgħar. Jgħid ukoll illi l-bibieb tal-kmamar ma kinux jissakkru.

    **In ri-eżami** mistoqsi jekk in-nies kienux jidħlu fil-kmamar tas-sodda tagħhom, huwa jwieġeb li ma jiftakarx, iżda jgħid illi dawn kienu jkunu miġbura fil-kċina madwar il-mejda.[16]

    **Riprodott** ix-xhud jgħid illi huwa dam fil-fond tlieta jew erba' xhur, li huwa qatt ma raqad fil-kamra tal-ko-imputati, u lanqas kien jidħol fiha, li fil-*weekends* kienu jiltaqgħu l-ħbieb hemmhekk, li kienu jkunu ħafna anke 10 persuni, li dawn kienu joqogħdu fil-kċina u ma kinux jidħlu fil-kmamar tas-sodda, li huwa ma kellux x'jaqsam ma' dawn il-pilloli, li ma kinux tiegħu u ma jafx ta' min kienu, li huwa ma kienx jaf bid-droga fl-appartament, li dawn il-kmamar kienu jissakkru, li huwa ġieli kien isakkar il-kamra tiegħu, u li huwa qatt ma ra bejgħ ta' droga fl-appartament.

    **In kontro-eżami** x-xhud jgħid illi ġieli kienu jmorru *parties* u wara jibqgħu sejrin fl-appartament ma' nies oħra fejn ikomplu bil-*party*.[17]

10. **L-Ispettur Pierre Grech**, fiż-żmien in kwistjoni PS 282, li kien ġie maħtur fil-mori tal-inkjesta bħala espert tal-impronta diġitali, ikkonferma r-relazzjoni tiegħu li tinsab esebita fil-proċess verbal, u xehed illi ma kienux instabu impronta fuq il-pakkett tas-sigaretti (li fih instabu l-pilloli), fil-waqt illi l-impronta li ttieħdu minn fuq il-gwardarobba fil-fond in kwistjoni ma kinux ta' kwalita` tajba biżżejjed għall-fini ta' komparazzjoni.[18]

---

[16] Ara a fol. 73 sa 81 tal-proċess.
[17] Ara a fol. 137 sa 157 tal-proċess.
[18] Ara a fol. 110 sa 112 tal-proċess.

L-imputat **Stephen Borg** għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri. Huwa xehed illi xi erbatax-il sena qabel, kellhom appartament ġewwa x-Xemxija u dan fil-waqt li rrefera għall-*ex* tfajla tiegħu, l-imputata odjerna. Mistoqsi jekk l-appartament kienx mikri lilhom it-tnejn biss, huwa jgħid li kienu xi ħmistax u li kollha kienu jużaw l-appartament in kwistjoni. Jgħid illi dakinhar li marru l-pulizija, kienu marru fl-appartament wara *party*, u li "*xi hadd tefghalha xi pilloli gol-gakketta taghha*"[19], għalkemm wara jgħid li huwa ma rax dan iseħħ. Jgħid illi kienet l-imputata li qaltilhom li l-ġakketta kienet tagħha. Jgħid in oltre illi fuqu ma sabu xejn. Jgħid illi x'ħin il-pulizija kienu qegħdin ifittxu, bdew jaslu n-nies. Skont hu, mhux huma biss kellhom ċavetta tal-appartament, u l-kmamar ma kinux jissakkru, "*kulħadd go xulxin*"[20]. Il-kera kienet tinqasam bejn kulħadd. Jgħid illi huwa ma kienx jaf bil-pilloli, u li t-tfajla tiegħu dak iż-żmien kienet tqila.

**In kontro-eżami**, huwa jgħid ili l-ġakketta in kwistjoni kienet imdendla, li huwa kien preżenti meta nstabet is-sustanza, li l-pulizija fittxew kullimkien, li nstabu xi pilloli oħra f'xi kexxun tal-kamra tas-sodda, li din il-kamra kien jużaha kulħadd fis-sens li kulħadd kien jidħol fiha, li "*Ahna gieli rqadna fiha*"[21], li kien jużaha ħaddieħor, u li ma jiftakarx min kien jużaha għax kien ikun hemm ħafna nies.[22]

**Ikkunsidrat:**

Mill-assjem tal-provi ma hemmx dubju illi nhar it-12 ta' Jannar 2003, ġewwa appartament fix-Xemxija li kien mikri lil Andrew Buhagiar, lil Ivan Mizzi u lill-imputat jew lill-ko-imputati odjerni, instabu numru ta' pilloli li minnhom sittax ġew ikkonfermati mill-Ispiżjar Mifsud li kienu pilloli *ecstasy*. Jingħad minn issa stess illi għall-fini tal-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-mertu, mhuwiex neċessarju f'dan il-każ illi l-Qorti tidħol fil-kwistjoni mqajjma mid-difiża fis-sens illi l-Ispiżjar Mario Mifsud analizza sittax mill-mija u għaxar pilloli li ngħataw lilu għall-analiżi tiegħu u dan għar-raġunijiet li ser jirriżultaw 'il quddiem.

Il-Qorti tibda billi tiċċensura l-mod ftit li xejn serju li biha tmexxiet kemm l-investigazzjoni, kif ukoll il-proċedura quddiem din il-Qorti. Fost oħrajn, għalkemm illum tali stqarrijiet ma kinux ikunu ammissibbli bħala prova, l-ebda stqarrija tal-ko-imputati ma ġiet esebita fl-atti ta' dawn il-proċeduri. Effettivament lanqas ma xehed l-Uffiċjal Prosekutur. In oltre elementi oħrajn ta' prova ma ġewx preżervati u

[19] Ara a fol. 164 tal-proċess.
[20] A fol. 165 tal-proċess.
[21] A fol. 170 tal-proċess.
[22] Ara a fol. 162 sa 171 tal-proċess.

esebiti, fosthom il-ġakketta li fiha nstab il-pakkett tas-sigaretti tad-ditta Royals, li fih instabu mija u għaxar pilloli, biex b'hekk il-Qorti hija llum kompletament sprovvista anke mill-prova tal-għamla ta' l-istess ġakketta li setgħet tikkostitwixxi prova, anke jekk indizzjarja, dwar jekk din kinitx ġakketta tal-irġiel jew tan-nisa. Ma jiswa xejn dak li xehed f'dan ir-rigward l-imputat Stephen Borg, la darba l-Qorti hija prekluża bil-liġi milli tuża x-xhieda tiegħu bħala prova fil-konfront tal-ko-imputata Chantelle Mallia. L-istess jingħad dwar l-*istatement* tal-imputat, li skont ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni nstab fil-kexxun tal-komodina fejn instabu ħames pilloli oħrajn, liema *statement* bħal ġakketta msemmija, qatt ma ġie esebit. In oltre dak li xehed PS 1086 fis-sens illi ħames pilloli nstabu "*Fil-kexxun tal-gradenza fuq in-naha ta' Chantelle*" ma huwa sorrett minn ebda prova. Il-Qorti tistaqsi: kif wasal għal din il-konklużjoni PS 1086?

**Ikkunsidrat ukoll:**

Il-Prosekuzzjoni xliet lill-ko-imputati bil-pussess tal-pilloli in kwistjoni stante li dawn instabu fil-kamra tas-sodda, li skont Andrew Buhaghiar u Ivan Mizzi ossia l-ko-inkwilini tal-fond in kwistjoni, kienet tintuża mill-ko-imputati. Il-Prosekuzzjoni tistrieħ fuq il-fatt illi l-maġġor parti tal-pilloli nstabu f'ġakketta mdendla fil-gwardarobba tal-istess kamra, fil-waqt li oħrajn instabu fil-kexxun tal-komodina, li skont PS 1086, kienet tinsab fuq in-naħa ta' Chantelle Mallia, presumibbilment allura n-naħa ta' fejn kienet torqod il-ko-imputata, u li fiha jingħad li kien hemm xi għamla ta' dokument konsistenti fi *statement* b'isem il-ko-imputat Stephen Borg u dan sabiex tistabilixxi n-ness bejn l-imsemmija pilloli u l-istess ko-imputati.

Kif diġa` ngħad, fin-nuqqas ta' kwalsiasi prova oħra f'dan ir-rigward, għajr għax-xhieda ta' PS 1086, il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni li l-ko-imputata kienet torqod proprju fuq in-naħa ta' din il-komodina, jew li allura din kienet tagħmel użu minnha, minkejja li kienet torqod fl-istess kamra jew inkella li kienet taf bl-eżistenza tal-pilloli in kwistjoni. Id-dokument li suppost kien jappartjeni lill-ko-imputat la ġie esebit u lanqas fotografat mill-pulizija fil-fażi ta' l-investigazzjoni, kif lanqas ma ġie fotografat il-kontenut tal-istess kexxun u l-ambjenti li fihom instabu dawn l-oġġetti, għalkemm irid jingħad illi r-relazzjoni ta' PS 282 Pierre Grech tikkontjeni ritratt tal-gwardarobba f'din il-kamra, liema ritratt ittieħed minnu għall-fini tal-impronta diġitali li nstabu fuq l-istess gwardarobba. Fi kwalunkwe każ, anke jekk għall-grazzja tal-argument il-Qorti kellha tistrieħ fuq id-dokument misjub fl-istess komodina, fl-aħjar ipoteżi għall-Prosekuzzjoni, dan jista' jistabilixxi ness bejn il-ko-imputat Stephen Borg u l-kamra in kwistjoni u dan fis-sens illi huwa kien jagħmel użu minn dik il-kamra u mhux neċessarjament bejn l-istess ko-imputat u l-pilloli misjuba fl-istess kexxun.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-Qorti ftit li xejn tqis bħala veritiera partijiet mix-xhieda ta' Stephen Borg, mhux inqas għaliex hija in parti kontradetta mix-xhieda ta' Andrew Buhagiar u ta' Ivan Mizzi. Il-Qorti tqis bħala iżjed verosimili l-verżjoni ta' dawn tal-aħħar, anke għaliex huma korroborati minn xulxin, u dan fis-sens illi l-appartament in kwistjoni kien mikri bejn tliet persuni, u ċioe` l-imputat Stephen Borg, Andrew Buhagiar u Ivan Mizzi, fil-waqt illi fil-fond kienet torqod ukoll il-ko-imputata, illi fil-fond kien hemm żewġt ikmamar tas-sodda, u illi Buhagiar u Mizzi kienu jagħmlu użu mill-kamra tas-sodda li fiha kien hemm żewġ sodod, fil-waqt illi l-ko-imputati kienu jagħmlu użu mill-kamra tas-sodda l-oħra li kien fiha sodda doppja. Mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirriżulta illi kien proprju f'din il-kamra tas-sodda li nstabu l-pilloli in kwistjoni.

Fit-tieni lok tqis veritier illi dan l-appartament kien jintuża sabiex fih jiltaqgħu diversi nies, tant illi dakinhar stess tat-tfittxija, waqt li l-pulizija kienu fil-fond waslu koppja u ġuvni ieħor.

Minkejja li l-imputat Stephen Borg u d-difensur tiegħu jipprovaw jistrieħu fuq il-fatt illi fil-fond kienu jaċċedu diversi persuni, u allura li dawn setgħu jaċċedu wkoll fil-kamra tas-sodda fejn instabu l-pilloli in kwistjoni u għalhekk illi dawn setgħu wkoll ħallew l-istess pilloli fil-kamra li kienet tintuża mill-ko-imputati, meħuda in konsiderazzjoni x-xhieda ta' Ivan Mizzi li jgħid illi l-persuni li kienu jaċċedu fil-fond ġeneralment kienu joqogħdu mal-mejda tal-kċina, kif ukoll illi huwa x'aktarx minnu dak li jixhed Andrew Buhagiar illi n-nies mistiedna fil-fond setgħu teknikament jaċċedu wkoll fil-kmamar tas-sodda tal-istess fond, il-Qorti ma tarax għalfejn mistieden jew mistednin għandhom iħallu numru kbir ta' pilloli ġewwa ġakketta fil-gwardarobba u f'kexxun f'komodina f'kamra tas-sodda li kienet tintuża proprju mill-ko-imputati. Veru wkoll illi ma nġabitx prova dwar il-proprjetarju tal-ġakketta in kwistjoni, iżda diffiċilment wieħed jista' jiskarta l-pilloli misjuba fil-ġakketta in kwistjoni bħala appartenenti lil xi terza persuna meta anke f'kexxun fl-istess kamra nstabu l-pilloli.

Il-Qorti hawnhekk qed tqis ukoll bħala inammissibbli kwalunkwe dikjarazzjoni li saret mill-ko-imputati jew min minnhom fl-istadju tal-investigazzjoni. Dan qed jingħad b'mod partikolari dwar dak li jixhed PC 10 Trevor Cassar Mallia in kwantu dak li ddikjara l-imputat Stephen Borg waqt it-tfittxija jew fil-bidu tagħha. Hawn

irid jingħad ukoll illi minkejja dak li jingħad fir-rapport tal-Ispettur Ciappara, formanti parti mill-proċess verbal, u dan fis-sens illi kien hemm suspett illi l-istess imputat kien qed jitraffika d-droga, lanqas ma jirriżulta illi l-istess Borg ingħata s-solita twissija skont il-liġi.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Borg** ta' nhar it-23 ta' Gunju 1997, fejn intqal hekk:

> "Dwar x'jammonta ghal pussess ghall-finijiet tal-ligi in dizamina, din il-Qorti diga` kellha l-opportunita` li telabora dwaru fis-sentenza taghha tal-21 ta' Ottubru, 1996, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan. F'dik is-sentenza din il-Qorti osservat li l-presenza ta' oggett f'post (dar, karozza, kamra, ecc.) li fuqu persuna ghandha xi forma ta' kontroll tista', taht certi cirkustanzi, tammonta ghal pussess ta' dak l-oggett; u jekk dak l-oggett jirrisulta bhala fatt li hu droga li taqa' taht il-Kap. 101, allura l-ligi tippresumi, salv prova kuntrarja imqar fuq bazi ta' probabilita`, li l-pussessur kien jaf li dak l-oggett kienet droga (ara wkoll P. v. Charles Clifton, App. Krim., 5 ta' Lulju, 1982)."

In oltre fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Maizuki Hachemi Beya, bint Abdellatif** tas-16 ta' Frar, 1998 ingħad hekk:

> "Il-ligi taghna, kemm ghal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tuzax il-kelma xjentement", fi kliem iehor il-ligi titkellem dwar minn "ikollu fil-pussess tieghu" (artikolu 8(a)(c), Kap 101) "ikun fil-pussess" (regola 8, A.L. 292/1939), "jimporta" (artikolu 15A (1), Kap 101) u mhux dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tieghu", "xjentement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Ghalkemm il-legislatur f'dawn id-disposizzjonijiet ma juzax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati doluzi u mhux semplicement ta' reati kolpuzi. Il-legislatur ma riedx jikkolpixxi lil min, per ezempju, ad insaputa tieghu jitqieghdlu xi droga fil-bagalja tieghu u dan jibqa' diehel biha f'Malta. Mill-banda l-ohra, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26(1) tal-Kap. 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun dahhlet droga f'Malta hi presunta li kienet fil-pussess jew dahhlitha xjentement, jigifieri li kienet taf bl-ezistenza ta' dak l-oggett, li dak l-oggett hu droga, u ghalhekk li kienet taf li kienet fil-pussess jew li kienet qed iddahhal id-droga, salv prova (imqar fuq bazi ta' probabbilita`) kuntrarja, u salv il-limitazzjoni ghal tali prova skond l-artikolu 26(2) ta' l-imsemmi artikolu 26 (ara, f'dan is-sens, is-

> segwenti sentenzi: P vs Charles Clifton, 5/7/82, P vs Martin Xuereb, 20/9/96, P vs Seiffedine Mohamed Marshan, 21/10/96, u P vs John Borg, 23/6/97, kollha appelli kriminali)."

Fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament presjeduta, fis-27 ta' April 2006, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Keith Stagno Navarro**, l-appellant kien ġie akkużat bir-reat ta' pussess aggravat ta' droga kokaina, u dan wara li l-pulizija, waqt tfittxija li saret ġewwa l-każin tal-banda ta' Stella Maris, f'Tas-Sliema, f'kexxun f'kamra li tiġi wara l-*bar*, sabu madwar għaxart iqratas li kien fihom trab suspettat droga kokaina. Fis-sentenza tagħha, l-istess Qorti qalet hekk:

> "Illi ma hemmx dubju li d-droga kokajina nstabet f'post li kien jaqa' taht il-kontroll effettiv tal-imputat, pero` dan mhux bizzejjed biex jirrizulta pruvat ir-reat in dizamina w jrid ukoll jirrizulta l-element tax-xjenza li f'dan il-post kien hemm id-droga. Din trid tirrizulta jew mic-cirkostanzi jew minn xi ammissjoni da parti tal-persuna akkuzata. Dan ghaliex mhux eskluz li f'post li fuqu persuna jista' jkollha l-kontroll anki esklussiv, li persuna ohra, ad insaputa tal-persuna li jkollha l-kontroll, tkun poggiet jew hbiet xi droga jew sustanza illecita. Hekk per ezempju wiehed jista' jkollu kontroll effettiv u esklussiv fuq karozza ipparkjatha registrata fuq ismu imma ma jkunx jaf li xi hadd, ad insaputa tieghu, ikun tefghalu nitfa droga mix-xaqq tat-tieqa miftuha, biex forsi jinkriminah. L-istess missier li ghandu l-kontroll fuq ir-residenza tieghu ma jistax jinstab hati ta' pussess ta' droga jekk per ezempju ad insaputa tieghu, wiehed minn uliedu li jghix mieghu jkun dahhal droga u hbieha jew zammha f'daru. Ghalhekk mhux bizzejjed li jigi pruvat il-kontroll effettiv jew sahansitra esklussiv fuq xi post, imma jrid jigi pruvat, sal-grad tac-certezza morali, l-element tas-scienter, cioe` li jkun konsapevoli li f'dak il-post li jaqa' taht il-kontroll tieghu attwalment hemm id-droga. L-Ewwel Qorti jidher li m'ghamlitx distinzjoni bejn il-kuncett tal-pussess kostruttiv tad-droga w cioe` meta ghalkemm id-droga ma tkunx fil-pussess fiziku ta' dak li jkun, tkun f'post fejn hu jkollu l-kontroll effettiv u l-kuncett ta' pussess effettiv jew kontroll ta' post. F'ta' l-ewwel, element essenzjali hu dejjem l-element tax-xjenza dwar l-esistenza tad-droga f'dak il-post u, jekk ma jigix pruvat dan l-element, ma tistax tinstab htija".

F'dan il-każ il-Qorti tqis illi jirriżulta illi l-persuni li kellhom il-kontroll effettiv tal-fond in kwistjoni kienu l-ko-imputati, flimkien ma' Ivan Mizzi u Andrew Buhagiar u wkoll illi ebda persuna minnhom ma kellha kontroll esklussiv fuq xi ambjenti formanti parti minn dan il-fond. Fi kliem ieħor, kull wieħed minn dawn il-persuni

kellu aċċess għall-ambjenti kollha tal-istess fond, ad esklużjoni madanakollu ta' terzi persuni li kienu jiddependu minn xi wieħed minn dawn imsemmija sabiex jottjenu aċċess għall-istess fond. Hija wkoll il-fehma tal-Qorti illi l-ko-imputati kienu jagħmlu użu esklussiv mill-kamra tas-sodda prinċipali u dan kif xehdu Buhagiar u Mizzi. Il-Qorti għalhekk m'għandiex dubju li din id-droga instabet f'kamra li fuqha kellhom kontroll effettiv l-istess ko-imputati. Kif rajna madanakollu, dan waħdu, mingħajr l-element tax-xjenza ma jistax iwassal għall-ħtija fil-ko-imputati dwar il-pussess tal-pilloli in kwistjoni.

Minkejja li l-Qorti lanqas m'għandha dubju li xi ħadd mill-ko-imputati kien ben konxju tal-presenza tal-pilloli fl-istess kamra, jekk mhux it-tnejn li huma, il-Qorti tqis li ma jeżistux provi suffiċjenti sabiex hija ssib ħtija fiż-żewġ imputati jew f'xi ħadd minnhom ad esklużjoni tal-ieħor jew l-oħra, fil-grad rikjest mil-liġi. Fi kliem ieħor, fid-dawl tal-provi prodotti, il-Qorti ma tistax tikkonkludi illi ż-żewġ ko-imputati kellhom ix-xjenza li trid il-liġi dwar il-pilloli in kwistjoni u allura l-pussess tagħhom, jew illi kienet il-ko-imputata Chantelle Mallia biss li kellha din ix-xjenza ad esklużjoni tal-ko-imputat Borg, jew inkella illi kien biss il-ko-imputat Borg li kellu tali xjenza ad esklużjoni tal-ko-imputata Mallia. F'termini legali, il-Qorti ma tqis illi ġudizzju bħal dan ikun, fiċ-ċirkustanzi, wieħed *safe and satisfactory*, u għaldaqstant ma tistax għajr tillibera lill-ko-imputati mill-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tagħhom.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputati **Stephen Borg** u **Chantelle Mari Mallia** mhux ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħhom u qegħda tilliberahom minnha.

Tordna d-distruzzjoni tal-pilloli esebiti fl-atti tal-inkjesti dwar il-każ odjern hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat